Nru./No. 18,518
Prezz/Price
€4.10

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 11 ta' Diċembru, 2009
Friday, 11th December, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 14,735 - 14,759
Government Notices ..... *14,735 - 14,759*

Opportunità ta' Impieg ..... 14,759 - 14,764
Employment Opportunity ..... *14,759 - 14,764*

Avviżi tal-Gvern ..... 14,764 - 14,769
Notices ..... *14,764 - 14,769*

Offerti ..... 14,770 - 14,802
Tenders ..... *14,770 - 14,802*

Avviżi tal-Qorti ..... 14,803 - 14,818
Court Notices ..... *14,803 - 14,818*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1042

BORD DWAR APPELL DWAR L-IPPJANAR

SKONT l-artikolu 14 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 356), il-President ta' Malta reġa' ħatar lil Dott. Ian Spiteri Bailey u lis-Sur Saviour Borg bħala *Chairperson* u Membru rispettivament tal-Bord 'A' ta' Appell dwar l-Ippjanar u lil Dott. Robert Tufigno u lis-Sur Jacques Borg Barthet u lis-Sur Patrick Camilleri bħala *Chairperson* u Membri rispettivament tal-Bord 'B' ta' Appell dwar l-Ippjanar biex joqogħdu għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mill-21 ta' Novembru, 2009.

In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 947 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,509 tal-20 ta' Novembru, 2009, hija b'din imħassra.

Il-11 ta' Diċembru, 2009
(OPM 744/1993)

GOVERNMENT NOTICES

No. 1042

PLANNING APPEALS BOARD

IN terms of article 14 of the Development Planning Act (Cap. 356), the President of Malta has reappointed Dr Ian Spiteri Bailey and Mr Saviour Borg as Chairperson and Member respectively of the Planning Appeals Board 'A' and Dr Robert Tufigno and Mr Jacques Borg Barthet and Mr Patrick Camilleri as Chairperson and Members respectively of the Planning Appeals Board 'B' to sit for a period of three years with effect from the 21st November, 2009.

Government Notice No. 947 published in Government Gazette No. 18,509 of the 20th November, 2009, is hereby repealed.

11th December, 2009

Nru. 1043

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

NGĦARRFU illi, skont l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, fl-24 ta' Novembru 2009, approva l-ħatra bħala Assistenti tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għal perjodu ta' erba' (4) snin kif jidhru hawn taħt, b'żieda mal-Elenki li dehru fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 152 tas-27 ta' Frar 2009 u fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 857 tat-30 ta' Ottubru 2009.

Elenku dwar il-Media u l-Arti

Is-Sur Renato Agius Muscat	Is-Sur Trevor Zahra
Is-Sinjura Sarah Anne Young	Is-Sur Laurence Mizzi
Is-Sur Charles Magro	Ms Susan Mulvaney
Is-Sur Achille Mizzi	Is-Sur Charles Mangion

Il-11 ta' Diċembru, 2009
(MJHA/166/2008)

No. 1043

ADMINISTRATIVE JUSTICE ACT (CAP. 490)

Panels of Administrative Review Tribunal

IT is notified that, in terms of the Administrative Justice Act, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, on the 24th November 2009 approved the appointment as Assistants of Administrative Review Tribunal for a period of four (4) years, the following, in addition with those Panels as shown in Government Notice No. 152 of the 27th February 2009 and Government Notice No. 857 of the 30th October 2009.

Media and Arts Panel

Mr Renato Agius Muscat	Mr Trevor Zahra
Mrs Sarah Anne Young	Mr Laurence Mizzi
Mr Charles Magro	Ms Susan Mulvaney
Mr Achille Mizzi	Mr Charles Mangion

11th December, 2009

Nru. 1044

ORDINANZA LI TIRREGOLA T-TIĠDID TA' KIRI TA' BINI (KAP. 69)

Bord li Jirregola l-Kera – Malta

Ħatra ta' Chairperson Sostitut

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini, il-President ta' Malta fis-27 ta' Novembru, 2009 approva n-nomina tal-Maġistrat Dott. Silvio Meli, LL.D., bħala *Chairperson* Sostitut tal-Bord imsemmi, kull meta ċ-*Chairperson* ma jkunx jista' joqgħod minħabba indispożizzjoni jew raġuni oħra skont il-liġi.

Il-11 ta' Diċembru, 2009
(MJ/44/89/II)

No. 1044

RELETTING OF URBAN PROPERTY ORDINANCE (CAP. 69)

Rent Regulation Board – Malta

Appointment of Substitute Chairperson

IN exercise of the powers conferred by article 16 of the Urban Property (Regulation) Ordinance, the President of Malta has, on the 27th November, 2009, approved the appointment of Magistrate Dr Silvio Meli, LL.D., as Substitute Chairperson of the said Board, whenever the Chariperson cannot act because of some indisposition or some other reason at law.

11th December, 2009

Nru. 1045

ATT DWAR IT-TIĠDID TA' KIRI TA' RABA' (KAP. 199)

Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' – Malta

Nomina ta' Chairperson Sostitut

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar it-Tiġdid tal-Kiri ta' Raba', il-Prim Ministru approva n-nomina bħala *Chairperson* Sostitut tal-Maġistrat Dott. Silvio Meli, LL.D., kull meta ċ-*Chairman* ma jkunx jista' joqgħod minħabba indispożizzjoni jew raġuni oħra skont il-liġi.

Il-11 ta' Diċembru, 2009
(MJ/7/88/II)

No. 1045

AGRICULTURAL LEASES (RELETTING) ACT (CAP. 199)

Rural Leases Control Board – Malta

Appointment of Substitute Chairperson

IN exercise of the powers conferred by article 5 of the Agricultural Leases (Reletting) Act, the Prime Minister has appointed as Substitute Chairperson Magistrate Dr Silvio Meli, LL.D., whenever the Chairman cannot act because of some indisposition or other reason at law.

11th December 2009

Nru. 1046

TRATTAT DWAR L-ESTRADIZZJONI BEJN IL-GVERN TA' MALTA U L-GVERN TAR-REPUBBLIKA GĦARBIJA TAL-EĠITTU

IT-TRATTAT dwar l-Estradizzjoni bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, iffirmat fil-Kajr, nhar l-10 ta' Mejju 2004, qed jiġi ppubblikat għall-informazzjoni ta' kulħadd.

(Iff.) Lawrence Gonzi
Prim Ministru

(Iff.) Carmelo Mifsud Bonnici
Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern

Il-11 ta' Diċembru, 2009

No. 1046

EXTRADITION TREATY BETWEEN THE GOVERNMENT OF MALTA AND THE GOVERNMENT OF THE ARAB REPUBLIC OF EGYPT

THE Extradition Treaty between the Government of Malta and the Government of the Arab Republic of Egypt, signed on the 10th May 2004 in Cairo, is being published for general information.

(Sd.) Lawrence Gonzi
Prime Minister

(Sd.) Carmelo Mifsud Bonnici
Minister for Justice and Home Affairs

11th December 2009

Ftehim ta' Estradizzjoni bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu

Il-Gvern ta' Malta
u
Il-Gvern tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu

Bil-ħsieb u bl-għan li jipprovdu għal aktar ko-operazzjoni effettiva bejn iż-żewġ Stati dwar il-waqfien ta' kriminalità;

Bil-ħsieb u bl-għan li jsaħħu l-ko-operazzjoni bejn iż-żewġ Stati fil-qasam tal-ġustizzja fuq affarijiet li jappartjenu għal estradizzjoni;

Jiġi meqjus illi l-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' estradizzjoni jridu jiġu miftiehma miż-żewġ Stati bi qbil u kundizzjonijiet aċċettabli għal xulxin,

Ftehmu kif ġej:

Artiklu 1

L-Obbligu għal Estradizzjoni

Il-partijiet jaqblu li jestrdixxu lil xulxin, skond il-proviżjonijiet ta'dan il-Ftehim, il-persuni lill-awtoritajiet tal-Istat li jagħmel it-talba, fejn dawn il-persuni jkunu ġew akkużati jew misjuba ħatja ta' reat ta' estradizzjoni.

Artiklu 2

Reati ta' Estradizzjoni

1) Reat jitqis bħala reat ta' estradizzjoni jekk iġorr piena ta' nuqqas ta'liberta għal perjodu ta' mhux inqas minn sena jew piena iktar ħarxa skond il-liġijiet taż-żewġ Stati.

2) Reat jitqis ukoll bħala reat ta' estradizzjoni jekk ikun jikkonsisti minn attentat jew konfoffa biex jikkommetti, jew jgħin, ixewex, iħajjar, jagħti parir jew jikkommisjona jew li jkun kompliċi fi kwalunkwe reat kif imsemmi f'paragrafu (1).

3) Għall-finijiet ta' dan l-Artiklu, reat jiġi meqjus li huwa reat ta'estradizzjoni, sew kemm jekk il-liġijiet tal-Istat li jagħmel it-talba għall-Estradizzjoni u l-Istat li jirċievi t-talba għall-Estradizzjoni, iqegħdu ir-reat taħt l-istess kategorija ta' reati jew huwa deskritt bl-istess terminoloġija.

4) Jekk reat ikun ġie mwettaq barra mit-territorju tal-Istat li jagħmel it-talba, l-Estradizzjoni għandha tingħata, skond il-provedimenti l-oħra ta' dan il-Ftehim, fejn il-liġijiet tal-Istat li li jirċievi t-talba jagħtu piena għal dan ir-reat li jsir barra mit-territorju tal-istess Stat li lilu saret it-talba, f'ċirkustanzi simili.

5) Fejn ikun hemm talba għall-estradizzjoni ta' persuna mfittxija għal reat konness ma' liġi dwar taxxi, dazju, kambju jew materja oħra ta' dħul fiskali, l-estradizzjoni

Extradition Agreement between the Government of Malta and the Government of the Arab Republic of Egypt

The Government of Malta
and
The Government of the Arab Republic of Egypt

Desiring to provide for more effective co-operation between the two States in the suppression of crime;

Desiring to promote cooperation between the two States in the field of justice on matters concerning extradition;

Considering that the questions relevant thereto must be settled by both States under mutually acceptable conditions,

Have agreed as follows:

Article 1

Obligation to Extradite

The Parties agree to extradite to each other, pursuant to the provisions of this Agreement, persons whom the authorities in the Requesting State have accused with or convicted of an extraditable offence.

Article 2

Extraditable Offences

1) An offence shall be an extraditable offence if it is punishable under the laws of both States by deprivation of liberty for a period of at least one year or by a more severe penalty.

2) An offence shall also be extraditable if it consists of attempting or conspiring to commit, or aiding, abetting, inducing, counselling or procuring the commission of, or being an accessory to any offence contemplated in paragraph (1).

3) For the purposes of this Article, an offence is deemed to be an extraditable offence regardless of whether or not the offence, according to the laws in the Requesting State and Requested State, is placed within the same category of offences or is described by the same terminology.

4) If an offence has been committed outside the territory of the Requesting State, extradition shall, subject to the other provisions of this Agreement, be granted where the laws in the Requested State provide for the punishment of the offence committed outside its territory in similar circumstances.

5) Where extradition of a person is sought for an offence against a law relating to taxation, customs duties, exchange control, or other revenue matters, extradition may be granted

tista' tingħata jekk hemm ftehim bilaterali bejn iż-żewġ Stati, u tista' tingħata minkejja li l-liġi fl-Istat li li jirċievi t-talba ma timponix l-istess miżuri ta' taxxi, jew dazju jew ma tipprovdix għal taxxi, dazju jew regolamenti dwar kambju tal-istess xorta kif provduti fil-liġijiet tal-Istat li jagħmel it-Talba għall-Estradizzjoni.

6) Jekk it-talba għall-Estradizzjoni tkun relatata ma' aktar minn reat wieħed u t-talba għall-estradizzjoni tiġi milqugħa għal reat ta' estradizzjoni, din it-talba tista' tingħata wkoll għal kull reat ieħor imsemmi fit-talba, anke jekk dan ir-reat għandu piena ta' priġunerija ta' żmien sena jew anqas, b'kundizzjoni li jiġu mħarsa l-provedimenti l-oħra kollha dwar estradizzjoni.

Artiklu 3

Trattament ta' Ċittadini

1) L-ebda Stat ma huwa marbut li jestradixxi liċ-ċittadini tiegħu.

2) F'każ li talba għall-estradizzjoni tiġi rifjutata abbażi taċ-ċittadinanza tal-persuna mfittxija, l-Istat li li jirċievi t-talba, għandu, skond it-talba tal-Istat li jagħmel it-talba, iressaq il-każ quddiem l-awtoritajiet prosekutriċi tiegħu.

Artiklu 4

Reati ta' Natura Politika

1) Talba għall-Estradizzjoni ma għandiex tinagħta jekk ir-reat li dwaru tkun saret din it-talba jkun meqjus mill-Istat li li jirċievi t-talba bħala reat ta' natura politika jew li huwa reat konness ma' reat ta' natura politika.

2) L-istess regola tkun applikabbli f'każ li l-Istat li li jirċievi t-talba, għandu raġunijiet sostanzjali biex jifhem illi talba għall-estradizzjoni dwar reat kriminali ordinarju ikun sar bl-għan sabiex persuna tiġi proċessata jew penalizzata minħabba ir-razza, reliġjon, nazzjonalità jew twemmin politiku jew li il-pożizzjoni ta' dik il-persuna tista' tiġi preġudikata għal xi raġunijiet hawn imsemmija.

3) Il-qtil jew attentat ta' qtil fuq il-ħajja ta' Kap ta' Stat jew membru tal-familja tiegħu mhux ser jitqies bħala reat politiku fil-kuntest ta' dan il-Ftehim.

4) Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, atti ta' terroriżmu meqjusa hekk fis-sistema legali interna ġewwa l-Istat li li jirċievi t-talba, m'għandhomx ikunu kkunsidrati bħala reati ta' natura politika.

Artiklu 5

Reati Militari

L-awtoritajiet kompetenti fi ħdan l-Istat li li jirċievi t-talba għandhom jirrifjutaw estradizzjoni ghal reati li jaqgħu taħt liġijiet militari li m'humiex reati li jaqgħu taħt il-liġijiet kriminali ordinarji.

if there is bilateral agreement between the two States, and may be so granted notwithstanding that the law of the Requested State does not impose the same kind of tax or duty or does not contain a tax, customs duty or exchange regulation of the same kind as the law of the Requesting State.

6) If the request for extradition is related to more than one offence and extradition is granted for an extraditable offence, it may also be granted for any other offence specified in the request even if the latter offence is punishable by one year's deprivation of liberty or less, provided that all other requirements for extradition are met.

Article 3

Treatment Of Nationals

1) Neither State shall be bound to extradite its own nationals.

2) If extradition is refused solely on the basis of the nationality of the person sought, the Requested State shall, at the request of the Requesting State, submit the case to its prosecuting authorities.

Article 4

Political Offences

1) Extradition shall not be granted if the offence in respect of which it is requested is regarded by the Requested Party as a political offence or as an offence connected with a political offence.

2) The same rule shall apply if the Requested Party has substantial grounds for believing that a request for extradition for an ordinary criminal offence has been made for the purpose of prosecuting or punishing a person on account of his race, religion, nationality or political opinion, or that that person's position may be prejudiced for any of these reasons.

3) The taking or attempted taking of the life of a Head of State or a member of his family shall not be deemed to be a political offence for the purposes of this Agreement.

4) For the purposes of this Agreement, acts considered as acts of terrorism in the domestic legal system of the Requested State, shall not be a political offence.

Article 5

Military Offences

The competent authority of the Requested State shall refuse extradition for offences under military law that are not offences under ordinary criminal law.

Artiklu 6

Drittijiet Minimi ta' Difiża u Penali

1) Talba għall-Estradizzjoni għandha tiġi rifjutata jekk skond il-liġijiet tal-Istat li li jirċievi t-talba, il-persuna li għaliha tkun saret din it-talba tiġi sottomessa fl-Istat li jagħmel it-talba ta' estradizzjoni għall-proċess ġuridiku li ma jkunux konformi mal-garanzija minima ta' ħarsien tal-ġustizzja fi proċeduri kriminali.

2) F'każ illi l-piena stabbilita dwar ir-reat li dwaru tkun mitluba estradizzjoni, jew is-sentenza mogħtija għal dak l-istess reat ġewwa l-Istat li li jagħmel it-talba, tkun ta' natura mhux applikabbli fis-sistema legali tal-Istat li li jirċievi t-talba, l-estradizzjoni ma tingħatax.

Artiklu 7

Proċeduri In Absentia

Talba għall-Estradizzjoni tista' tiġi rifjutata kemm-il darba din it-talba ghal estradizzjoni tkun riżultat ta' deċiżjoni ġuridika mogħtija in absentia mill-Istat li jagħmel it-talba għall-estradizzjoni, u l-persuna misjuba ħatja ma kellhiex avviż suffiċjenti tal-proċess, jew jekk l-Istat li jaghmel it-talba għall-estradizzjoni ma jagħtix garanzija adekwata lill-Istat li jirċievi t-talba illi dik il-persuna tiġi proċessata mill-ġdid jekk hi hekk titlob.

Artiklu 8

Non Bis In Idem

1) Talba għall-estradizzjoni ta' persuna mfittxija biex tiġi proċessata ma m'għandhiex tiġi milqugħa jekk sentenza finali ingħatat minn awtorita kompetenti tal-Istat li li jirċievi t-talba, fuq dik l-istess persuna, dwar l-istess fatt li jikkostitwixxi ir-reat jew reati li għalihom saret it-talba għall-estradizzjoni.

2) Talba għall-estradizzjoni ta' persuna mfittxija biex tiġi proċessata tista' tiġi miċħuda jekk sentenza finali tkun ġiet mogħtija minn awtorita kompetenti ta' pajjiż terz ieħor, lil dik l-istess persuna mfittxija ghall-istess fatt li jikkostitwixxi reat jew reati li ghalihom l-estradizzjoni tkun mitluba.

3) Talba għall-estradizzjoni għandha tiġi miċħuda fejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal- Istat li li jirċievi t-talba għall-estradizzjoni:

(a) ikunu iddeċidew li ma jipproċessawx il-persuna mfittxija għall-atti li fuqhom tkun intalbet l-estradizzjoni;

(b) ikunu iddeċidew li jwaqqfu kull proċeduri kriminali li jkunu nbdew kontra l-persuna mfittxija dwar dawk l-atti;

(c) ikunu għadhom qed jinvestigaw lill-persuna mfittxija għall-istess atti li għalihom intalbet l-estradizzjoni.

Article 6

Minimum Rights of Defence and Punishment

1) Extradition shall be refused if, according to the laws of the Requested State, the person sought will be subjected in the Requesting State to a judicial process which does not conform with the minimum guarantees of justice in criminal proceedings.

2) If in respect of the offence for which extradition is requested, the punishment provided, or the sentence pronounced, for that offence in the Requesting State, is of a nature which is not applicable in the legal system of the Requested State, extradition shall not be granted.

Article 7

Trials In Absentia

Extradition may be refused where the Request for Extradition is in respect of a judgement of the Requesting State rendered in absentia, and the convicted person has not had sufficient notice of the trial or the Requesting State has not given sufficient assurance to the Requested State that such person will be granted a new trial if he so requests.

Article 8

Non Bis In Idem

1) Extradition of a person sought for prosecution shall not be granted if final judgement has been passed by a competent authority of the Requested State upon the person sought in respect of the same fact constituting the offence or offences for which extradition is requested.

2) Extradition of a person sought for prosecution may be refused if final judgement has been passed by a competent authority of a Third State upon the person sought in respect of the same fact constituting the offence or offences for which extradition is requested.

3) Extradition shall be refused where the competent judicial authorities of the Requested State:

a) Have decided not to prosecute the person sought for the acts for which extradition is requested;

b) Have decided to discontinue any criminal proceedings which have been instituted against the person sought for those acts;

c) Are still investigating the person sought for the same acts for which extradition is sought.

Artiklu 9

Amnestija

Talba għall-estradizzjoni tista' tiġi rifjutata għal reat li għalih tkun ingħatat amnestija fl-Istat li jirċievi t-talba għall-estradizzjoni, kemm-il darba dan l-istess Stat kellu l-kompetenza neċessarja sabiex jipproċedi kontra dak ir-reat taħt il-liġijiet tiegħu.

Artiklu 10

Terminu ta' żmien

Talba għall-estradizzjoni m'għandhiex tiġi milqugħa, meta l-persuna mfittxija, skond il-liġijiet jew tal-Istat li jagħmel it-talba għall-estradizzjoni jew tal-Istat li jirċievi t-talba għall-estradizzjoni, ma tistax tiġi proċessata minħabba preskrizzjoni minn prosekuzzjoni jew piena.

Artiklu 11

Penali ta' Natura Minima

Talba għall-estradizzjoni tista' tiġi miċħuda meta t-talba ghall-estradizzjoni tkun għal persuna maħruba wara li tkun instabet ħatja u l-piena mogħtija tkun inqas minn erba' (4) xhur priġunerija.

Artiklu 12

Proċeduri u Dokumenti Meħtieġa għal Estradizzjoni

1) Mingħajr preġudizzju għall-provedimenti ta' Artiklu 19, it-talbiet kollha għal estradizzjoni għandhom isiru bil-miktub u mgħoddija mill-mezzi diplomatiċi.

2) It-talbiet kollha għandhom ikunu sostnuti u mehmuża b':

a) Dokumenti, stqarrijiet jew xorta oħra ta' informazzjoni li jiddiskrivu l-identita u l-post fejn x'aktarx ikun jinsab il-persuna mfittxija;

b) Tagħrif dwar il-fatti tar-reat attwali u l-istorja tal-proċedura tal-każ;

ċ) Stqarrija dwar l-artikli relevanti tal-proviżjonijiet tal-liġi li jiddeskrivu l-elementi essenzjali tar-reat li fuqhom tkun saret it-talba għall-estradizzjoni;

d) Stqarrija dwar l-artikli relevanti tal-proviżjonijiet tal-liġi dwar il-piena għal dak ir-reat;

e) Stqarrija jew l-artikli tal-liġi relatati mal-preskrizzjoni;

f) Id-dokumenti, stqarrijiet jew tagħrif ieħor kif speċifikat fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artiklu, skond kif ikun il-każ.

Article 9

Amnesty

Extradition shall not be granted for an offence in respect of which an amnesty has been granted in the Requested State, provided that the Requested State had competence to prosecute under its own law.

Article 10

Lapse Of Time

Extradition shall not be granted when the person sought has, according to the law of either the Requesting or the Requested State, become immune by reason of lapse of time from prosecution or punishment.

Article 11

Minor Convictions

Extradition may be refused where the Request for Extradition is for a person unlawfully at large after conviction and the punishment awarded is less than four (4) months imprisonment

Article 12

Extradition Procedures and Required Documents

1) Without prejudice to the provision of Article 19, all requests for extradition shall be submitted in writing and communicated through diplomatic channels.

2) All requests shall be supported by:

a) Documents, statements, or other types of information which describe the identity and probable location of the person sought,

b) Information describing the facts of the offence and procedural history of the case,

c) A statement of the relevant text of the provisions of the laws describing the essential elements of the offence for which extradition is requested,

d) A statement of the relevant text of the provisions of law prescribing punishment for the offence, and

e) A statement or text of the law relating to lapse of time,

f) The documents, statements or other types of information specified in paragraphs 3 or 4 of this Article, as applicable.

3) Talba għall-estradizzjoni ta' persuna mfittxija, biex tiġi proċessata, għandha tkun sostnuta u mehmuża b':

a) Kopja tal-mandat jew ordni tal-arrest maħruġa minn imħallef jew awtorita oħra kompetenti;

b) Kopja tad-dokumenti tal-akkuża; u

ċ) Dawk il-provi neċessarji sabiex jiġi assigurat illi jkun hemm bażi raġonevoli li l-persuna mfittxija tkun wettqet ir-reat li għalih saret it-talba ta' estradizzjoni.

(4) Talba għall-estradizzjoni relatata ma' persuna misjuba ħatja ta' reat li dwaru tintalab l-estradizzjoni għandha tkun sostnuta u mehmuża b':

a) Kopja tas-sentenza, jew fin-nuqqas ta' din, stqarrija minn awtorita ġudizzjarja li tikkonferma li l-persona ġiet misjuba ħatja.

b) Tagħrif li juri illi l-persuna mfittxija hija l-istess persuna li għaliha tirreferi s-sentenza ta' ħtija;

ċ) Kopja tas-sentenza mogħtija, jekk il-persuna mfittxija kienet instabet ħatja, kif ukoll stqarrija li turi kemm minn din is-sentenza tkun ġiet esegwita; u

d) F'każ illi persuna tkun ġiet misjuba ħatja *in absentia*, id-dokumenti meħtieġa kif imsemmija f'paragrafu 3.

Artiklu 13

Tagħrif Supplimentari

F'każ illi t-tagħrif mogħti mill-Istat li jagħmel it-talba ma jkunx sodisfaċenti għall-Istat li jirċievi li t-talba sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jasal għal deċiżjoni skond dan il- Ftehim, dan l-istess Stat għandu jitlob għal aktar tagħrif kif meħtieg u jista' jiffissa żmien li fih għandu jirċievi dan it-tagħrif mitlub.

Artiklu 14

Ammissibilità ta' Dokumenti

Mingħajr preġudizzju għal Artiklu 21 ta' dan il-Ftehim id-dokumenti mehmuża ma' talba għal estradizzjoni għandhom ikunu iċċertifikati minn imħallef jew maġistrat jew uffiċjal f'dak jew tal-Istat li huwa document oriġinali jew kopja vera tal-oriġinali u awtentikati jew b'affidavit jew b'siġill uffiċjali ta' Ministru f'dak jew tal-Istat li jagħmel it-talba għall-Estradizzjoni.

Artiklu 15

Traduzzjoni

Id-dokumenti kollha mressqa mill-Istat li jagħmel it-talba ta' Estradizzjoni għandhom ikunu miktuba jew tradotti b':

3) A request for extradition of a person who is sought for prosecution shall also be supported by:

a) A copy of the warrant or order of arrest issued by a judge or other competent authority;

b) A copy of the charging documents, and

c) Such evidence as would provide a reasonable basis to believe that the person sought committed the offence for which extradition is requested.

4) A request for extradition relating to a person who has been convicted of the offence for which extradition is sought shall also be supported by:

a) A copy of the judgement of conviction, or, if a copy is not available, a statement by a judicial authority that the person has been convicted;

b) Information establishing that the person sought is the person to whom the finding of guilt refers;

c) A copy of the sentence imposed, if the person sought has been sentenced, and a statement establishing to what extent the sentence has been carried out; and

d) In the case of a person who has been convicted in absentia, the documents required by paragraph 3.

Article 13

Supplementary Information

If the information communicated by the Requesting State is found to be insufficient to allow the Requested State to make a decision in pursuance of this Agreement, the latter State shall request the necessary supplementary information and may fix a time-limit for the receipt thereof.

Article 14

Admissibility of Documents

Without prejudice to Article 21 of this Agreement the documents that accompany an extradition request shall be certified by a judge or magistrate or officer in or of that State to be the original document or a true copy of that original document and authenticated either by the oath of a witness or by the official seal of a Minister in or of the Requesting State.

Article 15

Translation

All documents submitted by the Requesting State shall be in, or translated into:

a) Meta l-Istat li lilu tkun saret it-talba jkun l-Eġittu, bl-Ingliż jew bl-Għarbi;

b) Meta l-Istat li lilu tkun saret it-talba jkun Malta, bl-Ingliż jew bil-Malti.

Artiklu 16

Regola ta' Partikolarità

1) Persuna li tkun ġiet estradita taħt dan il-Ftehim m'għandhiex tiġi miżmuma, mressqa jew penalizzata fl-Istat li jagħmel it-talba ħlief għal:

a) Kwalunkwe reat li għalih tkun inagħtat l-estradizzjoni, jew reat ieħor simili għalkemm magħruf b'isem ieħor li hu bbażat fuq l-istess fatti bħal tar-reat li għalih tkun ingħatat l-estradizzjoni, sakemm dan ir-reat huwa ta' estradizzjoni, jew li jaqa' taħt dak ir-reat;

b) Kwalunkwe reat imwettaq wara l-estradizzjoni tal-persuna konċernata, jew

ċ) Kwalunkwe reat illi l-awtoritajiet eżekuttivi ġewwa l-Istat li jirċievi li t-talba japprovaw id-detenzjoni, proċess u l-penalizzar tal-persuna.

Għal kull bonfini ta' dan is-sub artiklu (c):

(i) L-Istat li jirċievi t-talba jista' jitlob sabiex jiġi provdut bid-dokumentazzjoni skond l-Artiklu 12, u

(ii) Il-persuna estradita tista' tiġi miżmuma mill-Istat li li jagħmel it-talba għal tul raġonevoli ta' żmien kif awtorizzat mill-Istat li jirċievi li t-talba.

(2) Paragrafu 1 ta' dan l- Artiklu ma japplikax jekk:

(a) Il-persuna estradita titlaq mit-territorju tal-Istat li jagħmel it-talba wara l-istess estradizzjoni u volontarjament tirritorna lura fih, jew

(b) Il-persuna estradita kellha l-opportunita sabiex tħalli t-territorju tal-Istat li jagħmel it-talba iżda ma tkunx għamlet dan fi żmien ħamsa u erbgħin (45) jum mid-data li tkun ġiet meħlusa mir-reat li għalih tkun ġiet estradita.

3) Jekk il-karatteristiċi legali tal-azzjoni li taqa' taħt ir-reat jiġu modifikati matul il-proċeduri meħuda kontra l-persuna estradita, l-istess persuna ma tistax tiġi mressqa jew proċessata sakemm l-elementi li jiffurmaw dan ir-reat, hekk kif modifikati, ikunu tali li jippermettu estradizzjoni.

Artiklu 17

Ri-estradizzjoni lejn Stat ieħor jew lejn Tribunal Internazzjonali

1) L-Istat li jagħmel it-talba għall-Estradizzjoni ma jistax

a) Where the Requested State is Egypt, English or Arabic;

b) Where the Requested State is Malta, English or Maltese.

Article 16

Rule of Speciality

(1) A person extradited under this Agreement may not be detained, tried, or punished in the Requesting State except for:

a) Any offence for which extradition was granted, or a differently denominated offence based on the same facts as the offence for which extradition was granted, provided that such offence is extraditable, or is a lesser included offence,

b) Any offence committed after the extradition of the person, or

c) Any offence for which the executive authority of the Requested State consents to the person's detention, trial or punishment.

For the purpose of this sub-paragraph (c):

(i) The Requested State may require the submission of the documentation called for in Article 12, and

(ii) The person extradited may be detained by the Requesting State for such reasonable period of time as the Requested State may authorise.

(2) Paragraph 1 of this Article shall not apply if:

a) The person extradited leaves the territory of the Requesting State after extradition and voluntarily returns to it, or

b) The person extradited has had an opportunity to leave the territory of the Requesting State and has not done so within forty five (45) days of final discharge in respect of the offence for which that person was extradited.

(3) If the legal characteristation of the action subject to the crime has been modified during the proceedings taken against the extradited person, he may not be charged or prosecuted unless the elements constituting the crime, according to their modified characterisation allow extradition.

Article 17

Re-extradition to a Third State or to an International Tribunal

1) The Requesting State shall not, without the consent of

mingħajr il-kunsens tal-Istat li li jirċievi t-talba, jgħaddi lil xi pajjiz ieħor (terza pajjiż) jew lil tribunal internazzjonali persuna li tkun ġiet estradita lill-Istat li jagħmel it-talba meta l-istess persuna tkun qed tiġi mfittxija minn dak it-terza pajjiż jew tribunal internazzjonali għal reati mwettqa qabel ma jkun ġie estradit.

2) F'każ li xi Stat ieħor (terza pajjiż) jew tribunal internazzjonali jressqu talba għal estradizzjoni minn għand l-Istat li jagħmel it-talba, ta'persuna estradita lejn dan l-istess Stat mill-Istat li li jirċievi t-talba, dwar reati mwettqa qabel l-estradizzjoni, l-Istat li li jirċievi t-talba jista', qabel jieħu deċiżjoni jekk għandux jagħti l-kunsens tiegħu għall-estradizzjoni, jitlob sabiex jiġi provdut bid-dokumenti imsemmija fl-Artiklu 12.

3) Artiklu 18 u paragrafu 1 ta' dan l-Artiklu, m'għandhomx jimpedixxu d-detenzjoni, proċess jew penalizzar ta' persuna estradita, jew, l-estradizzjoni ta' dik il- persuna lejn xi Stat ieħor (terza pajjiż) jew tribunal internazzjonali, jekk:

(a) dik il-persuna titlaq mit-territorju tal-Istat li jagħmel it-talba wara l-estradizzjoni u minn jeddha terġa' lura lejn dan l-istess Stat; jew

(b) dik il-persuna ma tħallix it-territorju tal-Istat li jagħmel it-talba fi żmien ħamsa u erbgħin (45) jum mid-data li l-istess persuna hi ħielsa li titlaq.

Artiklu 18

Tneħħija tal-Proċeduri ta' Estradizzjoni

F'każ illi l-persuna mfittxija minn jeddha taċċetta li tiġi mgħotija f'idejn l-Istat li jagħmel it-talba għaliha, l-Istat li li jirċievi t-talba jista' jrodd lil din il-persuna mill-aktar fis possibli mingħajr aktar proċeduri.

Artiklu 19

Arrest Proviżorju

2) F'każ ta' urġenza, l-Istat li jagħmel it-talba jista', sabiex jikseb l-estradizzjoni, jitlob l-arrest proviżorju tal-persuna hekk imfittxija sakemm jiġu preżentati d-dokumenti konnessi ma' din it-talba għal estradizzjoni. Talba għal arrest proviżorju tista' tintbagħat permezz tal-mezzi diplomatiċi jew direttament bejn il-ministeri rispettivi li huma responsabbli għal ġustizzja. Il-faċilitajiet tal-Organizzazjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali INTERPOL jistgħu jintużaw ukoll biex tintbagħat din it-talba. L-applikazzjoni tista' wkoll tintbagħat b'kull mezz ieħor konformi mal-liġi ta' Istat li li jirċievi t-talba.

2) L-Applikazzjoni għall-arrest proviżorju għandha jkollha:

a) ndeskrizzjoni tal-persuna mfittxija,

the Requested State, surrender to another third State or to an international tribunal a person extradited to the Requesting State where such person is sought by the said third State or international tribunal in respect of offences committed before his surrender.

2) In the event that a third State or international tribunal requests the extradition from the Requesting State, of a person extradited to the Requesting State from the Requested State, sought for offences committed before his surrender, the Requested State, before deciding whether to give its consent for extradition, may demand the production of the documents mentioned in Article 12.

Article 18 and paragraph 1 of this Article, shall not prevent the detention, trial, or punishment of an extradited person, or, the extradition of that person to a third State or international tribunal, if:

a) that person leaves the territory of the Requesting State after extradition and voluntarily returns to it; or

b) that person does not leave the territory of the Requesting State within forty five (45) days from the day on which that person is free to leave.

Article 18

Waiver Of Extradition Procedures

If the person sought consents to be surrendered to the Requesting State, the Requested State may surrender the person as expeditiously as possible without further proceedings.

Article 19

Provisional Arrest

1) In case of urgency, the Requesting State may, for the purpose of extradition, request the provisional arrest of the person sought pending presentation of the documents in support of the extradition request. A request for provisional arrest may be transmitted through the diplomatic channel or directly between the respective ministries responsible for justice. The facilities of the International Criminal Police Organisation INTERPOL may also be used to transmit such a request. The application may also be transmitted by any other means admitted by the law of the Requested State.

2) The application for provisional arrest shall contain:

a) a description of the person sought,

b) nil-lokalità ta' fejn tista' tinstab il-persuna mfittxija, jekk ikun magħruf,

ċ) deskrizzjoni tar-reat jew reati u l-liġijiet relevanti.

d) stqarrija konċiża dwar tagħrif l-atti jew omissjonijiet li jingħad li jikkostitwixxu ir-reati,

e) stqarrija konċiza dwar il-fatti tal-każ, li tinkludi, jekk possibli, il-ħin u l-lokalita fejn saru r-reati,

f) deskrizzjoni tal-piena li tista' tingħata jew li ingħatat għal dawn ir-reati,

ġ) stqarrija li turi kif id-dokument msemmi fl-Artiklu 12 (3) (a) jew Artiklu 12 (4) (a), skond kif ikun il-każ, jeżisti u

ħ) stqarrija li tiddikjara illi d-dokumenti li jsostnu t-Talba ta' Estradizzjoni għal dik il-persuna jkunu sa jintbagħtu fiż-żmien kif speċifikat f'dan il-Ftehim.

3) Attenzjoni immedjata għandha tingħata ghal dan it-tip ta'talba u l-Istat li jagħmel it-talba għandu jiġi mgħarraf mill-aktar fis possibli dwar xi tkun id-deċiżjoni meħuda dwar it-talba tiegħu għal arrest proviżorju u, jekk ikun il-każ, x'kienu r-raġunijiet li dwarhom it-talba ma setgħetx tiġi milqugħa.

4) Persuna miżmuma fuq arrest proviżorju tista' tiġi meħlusa mill-kustodja wara perjodu ta' erbgħin (40) jum mid-data tal-arrest proviżorju konformi ma' dan il-Ftehim, jekk l-awtorita kompetenti tal-Istat li li jirċievi t-talba ma tirċevix id-dokumenti meħtieġa fl-Artiklu 12.

5) Il-ħelsien mill-kustodja ta' persuna konformi ma' paragrafu 4, ma jistax jipreġudika l-arrest mill-ġdid u l-estradizzjoni segwenti ta' dik il-persuna jekk id-dokumenti meħtieġa f'Artiklu 12 jaslu f' data aktar tard.

Artiklu 20

Proċedura

Sakemm dan il-Ftehim ma jipprovdix mod ieħor, il-proċeduri dwar estradizzjoni u arrest proviżorju għandhom ikunu regolati biss mill-liġijiet tal-Istat li li jirċievi t-talba.

Artiklu 21

Provi

1) Fi kwalunkwe proċeduri li jsiru għal estradizzjoni ta' persuna mfittxija:

a) dokument awtentikat kif imiss, li juri xhieda mogħtija taħt ġurament fl-Istat li għamel it-talba jiġi ammess bħala prova ta' dak li jkun fih.

b) dokument awtentikat kif imiss, li juri li gie riċevut bħala prova, jew li hu kopja ta' dokument hekk riċevut, f'xi proċeduri tal-Istat li jaghmel it-talba għandu jiġi ammess bhala prova;

b) the location of the person sought, if known,

c) a description of the offence or offences and of the relevant law,

d) a concise statement of the acts or omissions alleged to constitute the offence(s),

e) a brief statement of the facts of the case, including, if possible, the time and location of the offence,

f) a description of the punishment that can be imposed or has been imposed for the offence(s),

g) a statement that the document referred to in Article 12 (3) (a) or Article 12 (4) (a), as the case may be, exists and

h) a statement that the documents supporting the extradition request for the person sought will follow within the time specified in this Agreement.

3) Prompt attention shall be given to such application and the Requesting State shall be notified as soon as possible of the decision regarding its application for provisional arrest and, if applicable, the reasons for any inability to proceed with the application.

4) A person who is provisionally arrested may be released from custody upon the expiration of forty (40) days from the date of provisional arrest pursuant to this Treaty if the competent authority of the Requested State has not received the documents required in Article 12.

5) The release from custody of a person pursuant to paragraph 4 shall not prejudice the subsequent re-arrest and extradition of that person if the documents required in Article 12 are delivered at a later date.

Article 20

Procedure

Except where this Agreement otherwise provides, the procedure with regard to extradition and provisional arrest shall be governed solely by the law of the Requested State.

Article 21

Evidence

1) In any proceedings for the extradition of the person sought:

a) a document, duly authenticated, which purports to set out evidence given on oath in the Requesting State shall be admissible as evidence of the matters stated therein;

b) a document, duly authenticated, which purports to have been received in evidence, or to be a copy of a document so received, in any proceeding in the Requesting State shall be admissible as evidence;

ċ) dokument awtentikat kif imiss, li jiċċertifika li persuna tkun ġiet misjuba ħatja f'data speċifikata fid-dokument ta' reat kontra l-liġi ta' jew ta' parti minn, Stat li jaghmel it-talba għandu jiġi ammess bħala prova tal-fatt u tad-data li fih tkun instabet ħatja.

2) Id-dokument għandu jitqies li huwa awtentikat kif imiss għall-fini ta' dan l- Artiklu:

a) f'każ ta' dokument li juri xhieda mogħtija kif intqal qabel, jekk id-dokument juri li hu ċċertifikat minnn imħallef jew maġistrat jew uffiċjal f'dak jew ta' dak il-pajjiż bħala li hu dokument oriġinali li fih jew li jirreġistra lil dik ix-xhieda jew kopja vera ta' dak id-dokument oriġinali;

b) f'każ ta' dokument li juri li ġie riċevut bħala prova kif intqal qabel jew li juri li hu kopja ta' dokument hekk riċevut jekk id-dokument juri li hu ċċertifikat kif intqal qabel li kien, jew li hu kopja vera ta' dokument li jkun ġie hekk riċevut;

ċ) f'każ ta' dokument li jiċċertifika li persuna kienet misjuba ħatja kif intqal qabel, jekk id- dokument juri li hu ċċertifikat kif intqal qabel;

u f'kull każ id-dokument ikun awtentikat jew bil-ġurament ta' xhud jew bis-siġill uffiċjali ta' Ministru ġo jew tal-Istat li jagħmel it-talba.

3) F' dawn il-proċeduri, l-uffiċjal prosekutur tal-Istat li jirċievi it-Talba, kif ukoll il-persuna mfittxija jistgħu jressqu provi quddiem il-Qorti Rimandanti jew quddiem il-Qorti tal-Appell skond kif ikun il-każ.

Artiklu 22

Transitu

1) Kemm Stat u kemm l-ieħor jista' jawtorizza trasportazzjoni mit-territorju tiegħu ta' persuna li tkun ingħatat f'idejn l-Istat l-ieħor minn xi pajjiż ieħor (terza pajjiż).

2) Talba għal transitu minn post għall-ieħor għandha tiġi komunikata permezz ta' mezzi diplomatiċi jew b'mod dirett bejn il-ministeri rispettivi li huma responsabbli għal ġustizzja. F'każ ta'urġenza, jistgħu jintużaw ukoll il-faċilitajiet tal-Organizzazjoni Internazzjonali tal- Pulizija Kriminali (INTERPOL).

3) L-Istat li jkun mitlub jikkonċedi transitu ta' persuna jista' jirrifjuta milli jilqa' t-talba jekk il-persuna kkonċernata ikolla iċ-ċittadinanza tal-istess Stat.

c) a document, duly authenticated, which certifies that a person was convicted on a date specified in the document of an offence against the law of, or of part of, the Requesting State shall be admissible as evidence of the fact and date of the conviction.

2) A document shall be deemed to be duly authenticated for the purpose of this Article:

a) in the case of a document purporting to set out evidence given as aforesaid, if the document purports to be certified by a judge or magistrate or officer in or of that country to be the original document containing or recording that testimony or a true copy of that original document;

b) in the case of a document that purports to have been received in evidence as aforesaid or to be a copy of a document so received, if the document purports to be certified as aforesaid to have been, or to be a true copy of a document which has been, so received;

c) in the case of a document which certifies that a person was convicted as aforesaid, if the document purports to be certified as aforesaid,

and in any such case the document is authenticated either by the oath of a witness or by the official seal of a Minister in or of the Requesting State.

3) In any such proceedings the prosecuting officer of the Requested State and also the person sought may produce evidence before the Court of Committal or Court of Appeal as the case may be.

Article 22

Transit

1) Either State may authorise transportation through its territory of a person surrendered to the other State by a third State.

2) A request for transit shall be transmitted through the diplomatic channel or directly between the respective ministries responsible for justice. In case of urgency, the facilities of the International Criminal Police Organisation (INTERPOL) may also be used to transmit such a request.

3) The State requested to grant transit may refuse to comply when the person concerned is its national.

4) It-Talba għal transitu għandu jkollha:

a) deskrizzjoni tal-persuna flimkien ma' kwalunkwe tagħrif li jista' jgħin biex tiġi stabbilita l-identita u ċ-ċittadinanza tiegħu jew tagħha, u

b) stqarrija konċiza ta' x'wassal sabiex il-persuna tkun mgħotija mit-tielet Stat.

5) Permess għal transitu ta' persuna jrid jinkludi, skond il-liġijiet tal-Istat li li jirċievi t-talba, permess għall-persuna sabiex tkun miżmuma taħt kustodja waqt il-transitu tagħha. F'każ li t-trasportazzjoni ma titkompliex fi żmien raġonevoli, l-awtorita kompetenti fl-Istat fejn fih tkun qed tiġi miżmuma l-persuna tista' tordna li din tiġi meħlusa.

6) M'hemmx bżonn ta' awtorizzazjoni meta t-transportazzjoni ssir bl-ajru minn Stat minnhom u l-ebda waqfien ma jkun skedat fit-territorju tal-Istat l-ieħor. Jekk waqfien mhux skedat iseħħ, l-Istat li fit-territorju tiegħu ssir il-waqfa jista' jitlob li ssir talba għal transitu kif provdut f' paragrafu 2, kif ukoll jista' jordna li tinżamm il-persuna konċernata sakemm it-talba ta' transitu tasal u t-transitu jiġi mwettaq, sakemm din it-talba tasal fi żmien 96 siegħa mill-waqfa mhux skedata.

7) Jekk l-Istat li li jirċievi t-talba u li jkun mitlub jippermetti t-transitu, jitlob l-estradizzjoni ta' dik l-istess persuna, it-transitu jista' jiġi pospost bil-kunsens tal-Istat li jagħmel it-talba sakemm l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat li li jirċievi t-talba jiffinalizzaw il-proċeduri għar-reat ta' dik il-persuna.

Artiklu 23

Deċiżjoni u l-Għoti għal Estradizzjoni

1) L-Istat li li jirċievi t-talba għandu jikkonsulta ma' l-Istat li jagħmel it-talba li jingħata opportunita biżżejjed sabiex iressaq l-opinjoni tiegħu u jġib informazzjoni u assistenza li tikkonċerna t-talba.

2) L-Istat li li jirċievi t-talba għandu jgħarraf minnufih lill-Istat li jagħmel it-talba permezz tal-mezzi diplomatiċi bid-deċiżjoni tiegħu dwar it-talba tal-estradizzjoni.

3) Għandhom jingħataw raġunijiet għaliex tkun ġiet miċħuda xi talba t'estradizzjoni, kemm jekk talba kompleta sew jekk ghal parti minnha, mill-Istat li li jirċievi t-talba. Dan tal-aħħar għandu jipprovdi kopji tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji li huma relatati, meta mitlub.

4) Jekk it-talba għal estradizzjoni tintlaqa', l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Stati konċernati għandhom jaqblu fuq id-data u l-post fejns tiġi mgħoddija l-persuna mfittxija.

4) The request for transit shall contain:

a) a description of the person together with any information that may help to establish his or her identity and nationality, and

b) a brief statement for which the person was surrendered by the third State.

5) Permission for the transit of a person shall, subject to the law of the Requested State, include permission for the person to be held in custody during transit. If transportation is not continued within a reasonable time, the competent authority of the State in whose territory the person is being held may direct that the person be released.

6) Authorisation is not required when air transportation is used by one State and no landing is scheduled on the territory of the other State. If an unscheduled landing does occur, the State in whose territory such landing occurs may require a request for transit pursuant to paragraph 2, and it may detain the person until the request for transit is received and the transit is effected, provided that such request is received within 96 hours of the unscheduled landing.

7) If the Requested State which is asked to permit the transit also requests the extradition of the said person, the transit may be postponed with the consent of the Requesting State until the judiciary of the Requested State finalises the prosecution of that person.

Article 23

Decision And Surrender

1) The Requested State shall consult with the Requesting State to provide it with ample opportunity to present its opinion and to provide information and assistance regarding the request.

2) The Requested State shall promptly notify the Requesting State through the diplomatic channel of its decision on the request for extradition.

3) Reasons shall be given by the Requested State for any complete or partial refusal of a request for extradition. The Requested State shall provide copies of pertinent judicial decisions upon request.

4) If the request for extradition is granted, the relevant authorities of the Requesting and Requested States shall agree on the date and place for the surrender of the person sought.

5) Jekk il-persuna mfittxija ma tintbgħatx mit-territorju tal-Istat li li jirċievi t-talba minn l-Istat li jagħmel it-talba fiż-żmien stipulat mil-liġi tal-Istat li li jirċievi t-talba, dik il-persuna tista' tinħeles mill-kustodja, u l-Istat li li jirċievi t-talba, jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jirrifjuta talba ta' estradizzjoni oħra dwar l-istess reat.

5.4. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Social Policy (Health).

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) Ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) Ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta;

d) Lestew b'suċċess mill-inqas sentejn ta' taħriġ rikonoxxut fis-Saħħa Pubblika kif approvat mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta u jkollhom MSc (Saħħa Pubblika) jew ekwivalenti;

e) Ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa), konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Insitute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li

b) Have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) Be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) Have successfully completed a minimum of two years recognized training in Public Health as approved by the Specialist Accreditation Committee of Malta and have obtained an MSc (Public Health) or equivalent.

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Maltese Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Social Policy (Health) and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry for Social Policy (Health) by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management

juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat tal-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Social Policy (Health).

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Sectretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

10. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Personnel Section (Health), 6, Harper Lane, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, Floriana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) tal-Ġimgħa, 8 ta' Jannar 2010.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) tal-Ġimgħa, 8 ta' Jannar 2010 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-11 ta' Diċembru, 2009

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources (Health), 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 8th January 2010.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 8th January 2010 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry for Social Policy (Health) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the Ministry for Social Policy (Health) are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) within seven days.

11th December, 2009

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

The George Washington University's Elliott School of International Affairs

The Merriman Fellowship is offering a mid-career professional from outside the United States to pursue the Master of International Policy and Practice (M.I.P.P.) degree program at The George Washington University's Elliott School of International Affairs. This fellowship, which is named for a former GW professor, Howard Merriman, is made possible by a generous grant from the Linder family.

The M.I.P.P. is an intensive degree program for mid-career professionals. M.I.P.P candidates take three core courses: international politics theory, international economics, and a cornerstone seminar that engages participants in discussions with prominent guest speakers from the policy community. Remaining coursework is tailored to individual needs and interests. M.I.P.P. candidates can concentrate on a wide range of subjects including international economics, politics, development, business, security policy, science and technology policy, or U.S. foreign policy. M.I.P.P. candidates may also study the dynamics of a particular region such as Latin America or the Middle East.

The Merriman Fellowship is ideal for the candidate who is taking a one year sabbatical from his or her organization, though it is not limited to that purpose. There are several partial tuition awards available for the upcoming academic year. Past fellows in the M.I.P.P. program have included diplomats, government policy makers, journalists, and NGO managers, studying either full time or part time.

The Merriman Fellowship is extremely competitive. Candidates applying for the M.I.P.P. program must have a bachelor's degree plus a minimum of eight years of professional work experience. GRE scores are strongly recommended, but not required. A TOEFL score of 100 on the internet based test or 250 on the computer-based test is required for admission.

To be considered for the Merriman Fellowship (and all other graduate awards at the Elliott School), applications must be received by January 15, 2010. For further details, please contact The Office of Graduate Admissions, Elliott School of International Affairs, 1957 E Street, NW, Suite 301, Washington DC 20052, Telephone:+1(202)994-7050, Fax: +1(202)994-9537, Email: esiagrad@gwu.edu. Additional information is available on website at http://elliott.gwu.edu

Those interested are also to inform the Scholarship Section at the Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Merchants Street, Valletta, VLT 1171, of their intention.

11th December, 2009

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI

Sejħa għall-applikazzjonijiet taħt
Miżura 212 – Għajnuna għal Żoni Żvantaġġjati u
Miżura 214 – Skemi Agro-ambjentali

L-Awtorità ta' Tmexxija tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali qed tħabbar li mill-1 ta' Diċembru 2009 u d-29 ta' Jannar 2010 se jibdew jintlaqgħu talbiet mingħand dawk il-bdiewa li ser jagħmlu:

Reġistrazzjoni ġdida ta' art agrikola;
Trasferiment ta' art;
Trasferiment ta' intitolamenti kif ukoll intitolamenti tal-bhejjem jew tal-ħalib;
Żieda jew tnaqqis ta' xi raba' li huwa marbut mal-miżura taż-Żoni Żvantaġġjati u/jew Agro-ambjentali;
Applikazzjoni għall-ewwel darba għall-miżura taż-Żoni Żvantaġġjati jew Agro-ambjentali.

L-applikant għandu jieħu miegħu dawn id-dokumenti:

Karta tal-Identità;
Pjanti tal-għelieqi;
Prokura mingħand nutar (f'każ li qiegħed jirrappreżenta lil xi ħadd);
Testment (f'każ ta' trasferiment b'wirt);
Ċertifikat tal-mewt (mingħand ir-Reġistru Pubbliku f'każ ta' trasferiment b'wirt);
Ċertifikat ta' separazzjoni (jew Kuntratt ta' Separazzjoni).

F'kas ta' trasferiment tal-intitolamenti, waqt il-mili tal-formola, għandu jkun hemm preżenti min se jittrasferixxi, min se jirċievi kif ukoll il-konjugi tagħhom.

L-applikazzjonijiet ser jintlaqgħu mill-Aġenzija għall-Pagamenti f'dawn il-lokalitajiet:

Uffiċċju tal-Applikazzjonijiet, Triq Luqa, Ħal Qormi
Uffiċċju tal-Applikazzjonijiet (Għawdex), Farm Esperimentali tal-Gvern, ix-Xewkija, Għawdex.

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Call for applications under
Measure 212: Support for Areas with Handicaps and
M214: Rural Areas Conservation Scheme

The Managing Authority responsible for the Rural Development Programme within the Ministry for Resources and Rural Affairs is announcing that from the 1st December, 2009 until the 29th January 2010, it will be receiving requests and applications from farmers who are going to carry out:

New registration of Agricultural Land;
Transfer of Land;
Transfer of entitlement as well as of entitlement of livestock or milk;
Increase or decrease of agricultural land linked to the less favoured areas measure and/or Agro-Environmental Measures;
First time applications for Less Favoured Areas or Agro-Environmental Measures

The applicant should take with him the following documents:

Identification Card (ID Card);
Plans of the Fields;
Notice of Procurement by a Notary (in the case of a representative);
Will (In the case of transfer by inheritance);
Death Certificate (From the Public Registry in the case of transfer by inheritance);
Separation Certificate (or Contract of Separation).

In the case of transfer of entitlement, during the filling in of the form, the person carrying out the transfer, the person receiving the transfer, together with their spouses should be present.

Applications will be received by the Paying Agency at:

The Application Unit at Luqa Road, Qormi, and
Gozo Applications Office, Government Experimental Farm, Xewkija Gozo

Għal aktar informazzjoni tistgħu żżuru s-sit elettroniku tal-Awtorità ta' Tmexxija: http://www.agric.gov.mt/paying-agency

Tistgħu wkoll iċċemplu fuq 25904256 jew tibagħtu *e-mail* fuq: payingagency.mrra@gov.mt

Il-11 ta' Diċembru, 2009

For more information visit the Paying Agency's Website: http://www.agric.gov.mt/paying-agency

Enquires may be made by calling 25904256 or by sending an e-mail on payingagency.mrra@gov.mt

11th December, 2009

GVERN TA' MALTA
Awtorità ta' Tmexxija
Fond Agrikolu Ewropew għall-Izvilupp Rurali
Programm għall-Iżvilupp Rurali 2007-2013

GOVERNMENT OF MALTA
Managing Authority
European Agricultural Fund for Rural Development
Rural Development Programme 2007-2013

DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI

Riżultat tal-Intervista għall-Postijiet ta' Uffiċjal tal-Informazzjoni fid-Dipartiment tal-Informazzjoni

Id-Direttur Ġenerali *(*Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika*)* Uffiċċju tal-Prim Ministru, jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat tal-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq fin-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Informazzjoni, 3, Pjazza Kastilja, Valletta, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta. Kandidati minn Għawdex jistgħu jaraw ir-riżultat fuq in-*notice-board* tal-Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex.

Il-11 ta' Diċembru, 2009

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI

Riżultati tal-Intervisti għall-Postijiet fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultati tal-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* prinċipali tad-Direttorat tal-*People Management and Support Services*, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Blokk 'A', il-Furjana, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:

Veterinary Support Officer (Laboratory and Animal Health) fit-Taqsima tal-*Fish and Farming Regulation and Control*
Senior Operative (Gardening Works)
Farmer fit-Taqsima tal-Affarijiet Rurali

II-11 ta' Diċembru, 2009

DEPARTMENT OF INFORMATION

Result of Interview for the Posts of Information Officer in the Department of Information

The Director General (Information, Local Government and Public Consultation) Office of the Prime Minister, notifies that the result of the interview for the above-mentioned posts may be viewed on the notice-board of the Department of Information, 3, Castille Place, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta. Candidates from Gozo may view the result on the notice-board of the Ministry for Gozo, St Francis Square, Victoria, Gozo.

11th December, 2009

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Results of Interviews for Posts within the Ministry for Resources and Rural Affairs

The Permanent Secretary, Ministry for Resources and Rural Affairs notifies that the results of the interviews for the posts mentioned hereunder may be viewed on the main notice-board at the People Management and Support Services Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Floriana and on the notice-board at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:

Veterinary Support Officer (Laboratory and Animal Health) in the Fish and Farming Regulation and Control
Senior Operative (Gardening Works)
Farmer in the Rural Affairs Division

11th December, 2009

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI

Riżultat tal-Intervista għall-Ingaġġ ta' Postijiet ta' *Heavy Plant Driver* (Grupp IV) fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat tal-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali tad-Direttorat tal-*People Management and Support Services*, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Blokk 'A', il-Furjana, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta

II-11 ta' Diċembru, 2009

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Result of Interview for Posts of Heavy Plant Driver (Group IV) within the Ministry for Resources and Rural Affairs

The Permanent Secretary in the Ministry for Resources, and Rural Affairs notifies that the result of the interview for the above mentioned posts may be viewed on the main notice-board at the People Management and Support Services Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Floriana and on the notice-board at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta

11th December, 2009

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet tal-AQA Sajf 2010

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li fi ħsiebhom jagħmlu l-Eżamijiet tal-AQA Sajf 2010 li l-formoli tal-applikazzjoni jintlaqgħu minn nhar it-Tnejn, l-4 ta' Jannar, 2010, sal-Ġimgħa, il-15 ta' Jannar, 2010, mit-8.00 a.m. sal-4.30 p.m. kif ġej:

Kandidati f'Malta:
Dipartiment tal-Eżamijiet
Il-Furjana

Kandidati f'Għawdex:
Ċentru tal-Eżamijiet
Ir-Rabat,
Għawdex

Dettalji dwar is-suġġetti u ħlasijiet relattivi jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji msemmija.

L-applikanti jistgħu wkoll jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom *on-line* fuq www.exams.gov.mt. Ir-reġistrazzjoni *on-line* tista' ssir bejn nhar it-Tnejn, l-4 ta' Jannar 2010 u t-Tnejn, it-18 ta' Jannar, 2010 sal-4.00 p.m

Importanti

Inwissu lill-kandidati biex jiċċekkjaw l-orarji tal-*Examining Boards* lokali u barranin qabel ma japplikaw għall-eżamijiet.

Jiġu kkunsidrati biss dawk l-eżamijiet li jaħbtu ma' eżamijiet ta' *Examining Boards* barranin f'suġġetti differenti.

EXAMINATIONS DEPARTMENT

AQA Summer 2010 Examinations

The Director of Examinations notifies candidates intending to sit for the AQA Examinations Summer 2010 that application forms will be accepted from Monday, 4th January 2010 up to Friday, 15th January, 2010 from 8.00 a.m. to 4.30 p.m. as follows:

Malta Candidates:
Examinations Department
Floriana

Gozo Candidates:
Examinations Centre
Victoria,
Gozo

Details regarding subjects and the relative fees may be obtained from the above offices.

Applicants have also the option to send their application on-line on www.exams.gov.mt. The on-line registration will be available between Monday, 4th January, 2010 up to Monday, 18th January, 2010 till 4.00 p.m.

Important

Candidates are advised to check between different local and foreign Examining Boards's timetables, before applying for any examinations.

Clash of subjects in examinations offered by different Foreign Examining Boards will only be considered if not in the same subject.

Suġġetti tal-*Foreign Examining Boards* u tal-Matsec li jaħbtu ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana, u miċ-Ċentru tal-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, jew minn fuq il-*website* tad-Dipartiment www.exams.gov.mt

Il-11 ta' Diċembru, 2009

Clashes of subjects between Foreign Examining Boards and MATSEC will not be considered.

Other details may be obtained from the Examinations Department, Floriana, and the Examinations Centre, Victoria, Gozo, or the Department's website on www.exams.gov.mt

11th December, 2009

AWTORITÀ MALTIJA DWAR L-I*STANDARDS*

Abbozz ta' *Standard* Malti għal "Frott u Ħxejjex"

L-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* qed tikkonsidra proposta biex tibda tabbozza *Standard* Malti ġdid dwar kwalità ta' frott u ħxejjex.

Organizzazzjonijiet, assoċjazzjonijiet u gruppi oħra li huma interessati jipparteċipaw fl-iżvilupp ta' dan l-I*standard* Malti huma miltuba jiktbu lill-Kap tal-Istandardizzazzjoni f'dan l-indirizz:

Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*
Direttorat tal-Istandardizzazzjoni
It-Tieni Sular, Triq il-Merkanti
Il-Belt Valletta VLT 03
Tel: 21 242420
Fax: 21 242406
e-mail: info@msa.org.mt

Nota fuq xi oġġezzjonijiet għal din il-proposta għandha tintbagħat fl-istess indirizz ukoll. Kull korrispondenza għandha tasal mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar 2010.

Il-11 ta' Diċembru, 2009

MALTA STANDARDS AUTHORITY

Draft Maltese Standard on "Fruit and Vegetables"

The Malta Standards Authority is considering a proposal to start drafting a new Maltese Standard on Quality of Fruit and Vegetables.

Organisations, associations and other groups who are interested in participating in the development of this Maltese Standard are requested to write to the Head of Standardization at:

Malta Standards Authority
Standardization Directorate
Second Floor, Merchants Street
Valletta VLT 03
Tel: 21 242420
Fax: 21 242406
e-mail: info@msa.org.mt

A note of any objections to this proposal should also be sent to the above. All correspondence is to be received by the above by not later than 15th January 2010.

11th December, 2009

HERITAGE MALTA

Il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta jgħarraf li:

Heritage Malta qiegħda tniedi kompetizzjoni biex jintgħażel disinn għall-Proġett maħsub biex itejjeb l-esperjenza ta' dawk li jżuru t-Tempji tal-Ġgantija fix-Xagħra Għawdex bħala parti mill-'*Archaeological Heritage Conservation Project*', parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

Il-kontestanti għandhom jirreġistraw u jniżżlu l-informazzjoni kollha meħtieġa fis-sit elettroniku www.heritagemalta.org/erdf032.

Is-sottomissjonijiet għandhom jitwasslu jew jintbagħtu lil Heritage Malta, l-Università l-Antika, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1175, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tas-16 ta' Diċembru 2009.

Is-7 ta' Diċembru, 2009

HERITAGE MALTA

The Chief Executive Officer, Heritage Malta notifies that:

An architectural Design Contest has been launched for 'Enhancing the visitor experience in the Ġgantija Heritage Park World Heritage Site' as part of the 'Archaeological Heritage Conservation Project' part financed by the European Union European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

Contestants are to register and download all the necessary information from www.heritagemalta.org/erdf032.

Interested Contestants are to submit their proposals for the above mentioned design contest, to Heritage Malta, Old University Buildings, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1175, by hand or dispatched by noon of the 16th December 2009.

7th December, 2009

CENTRAL BANK OF MALTA

ASSETS AND LIABILITIES AS AT 31 OCTOBER 2009

ASSETS

	€
Gold and gold receivables	8,940,709
Claims on non-euro area residents in fcy	377,672,788
Claims on euro area residents in fcy	236,240,850
Claims on non-euro area residents in euro	100,829,271
Lending related to monetary policy operations	660,000,000
Other claims on euro area credit institutions in euro	-4,655,332
Securities of euro area residents in euro	581,953,015
General government debt in euro	0
Intra-Eurosystem claims	48,297,627
Items in course of settlement	10,284,865
Other assets	597,297,985
	2,616,861,778

LIABILITIES

	€
Banknotes in circulation	644,192,480
Liabilities related to monetary policy operations	501,847,119
Other liabilities on euro area credit institutions in euro	0
Debt certificates issued	0
Liabilities to other euro area residents in euro	390,052,570
Liabilities to non-euro area residents in euro	85,716,799
Liabilities to euro area residents in fcy	79,148,307
Liabilities to non-euro area residents in fcy	43,101
Counterpart of special drawing rights allocated by the IMF	103,157,889
Intra-Eurosystem liabilities	414,535,526
Items in course of settlement	0
Other liabilities	135,251,622
Provisions	5,118,806
Revaluation accounts	18,107,792
Capital and reserves	239,689,767
	2,616,861,778

R. FILLETTI
FINANCIAL CONTROLLER

G. HUBER
DIRECTOR
FINANCE & BANKING

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-15 ta' Diċembru, 2009, għal:

CT 410/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2474/2009. Provvista, konsenja, installazzjoni u kummissjonar ta' strumentazzjoni ta' *renewable energy sources* u tagħmir relatat għad-Dipartiment ta' Konverżjoni ta' Enerġija tal-Elettriku Industrijali – l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €137,782.60 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħtet fid-19 ta' Ottubru 2009.

CT 413/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2475/2009. Provvista, konsenja, installazzjoni u kummissjonar ta' strumentazzjoni ta' tagħmir relatat mal-*power quality and energy efficiency* għad-Dipartiment ta' Konverżjoni ta' Enerġija tal-Elettriku Industrijali – l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €91,336.00 mingħajr V.A.T.).

CT 414/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2547/2009. Provvediment ta' riċerka għall-Proġett ESF 3.47 - '*Unlocking the Female Potential'* – Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Soċjali Ewropew 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €235,000.00 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-20 ta' Ottubru 2009.

CT 415/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2516/2009. Provvista, konsenja, installazzjoni u kummissjonar ta' għamara u tagħmir għall-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST), Raħal Ġdid – Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 15th December, 2009, for:

CT 410/2009 - Contracts Ref No, CT 2474/2009. Supply, delivery, installation and commissioning of renewable energy sources and related equipment for the Department of Industrial Electrical Power Conversion – University of Malta. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €137,782.60 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 19th October 2009.

CT 413/2009 - Contracts Ref No, CT 2475/2009. Supply, delivery, installation and commissioning of power quality and energy efficiency related equipment for the Department of Industrial Electrical Power Conversion – University of Malta. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €91,336.00 excluding V.A.T.).

CT 414/2009 - Contracts Ref No, CT 2547/2009. Provision of research for the Project ESF 3.47 - 'Unlocking the Female Potential' – National Commission for the Promotion of Equality. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Social Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €235,000.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 20th October 2009.

CT 415/2009 - Contracts Ref No, CT 2516/2009. Supply, delivery, installation and commissioning of furniture and equipment at the Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST), Paola – Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

Dan huwa *Supply Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €70,203.00 mingħajr V.A.T.).

CT 416/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2585/2009. Provvista, konsenja, installazzjoni u kummissjonar fejn hu applikabbli ta' *autoclaves, evaporators, spectrophotometer* u diversi tagħmir tal-laboratorju ieħor biex ittejjeb il-*Health Biotechnology Facilities* – l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta..

Dan huwa *Supply Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €58,874.18 mingħajr V.A.T.).

CT 417/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2209/2009. Provvista ta' tagħmir varju tal-laboratorju għas-*setup* tal-Laboratorju tal-*Control Systems Engineering* fil-Fakultà tal-Inġinerija – l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €59,979.66 mingħajr V.A.T.).

CT/A/051/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2418/2009. Inġinerija, superviżjoni u mmaniġġar tal-proġett tad-disinjar u bini ta' *Gozo Waste Treatment and Transfer Facility* f'Tal-Kus, limiti tax-Xewkija, Għawdex – WasteServ Malta Ltd. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond ta' Koeżjoni 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €500,000.00 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fid-29 ta' Ottubru 2009.

CT/A/052/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2331/2009. Servizzi ta' konsulenza ta' E*ngineering, Procurement Construction Management (EPCM)* għad-disinjar, *EIA, contracting* u mmaniġġjar ta' proġett għall-bini u operat ta' Impjant tat-Trattament Bijoloġiku f'Għawdex – WasteServ Malta Ltd. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta qiegħda tiġi kkunsidrata biex tkun parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond ta' Koeżjoni 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €800,000.00 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħtet fid-29 ta' Ottubru 2009.

This is a Supply Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €70,203.00 excluding V.A.T.).

CT 416/2009 - Contracts Ref No, CT 2585/2009. Supply, delivery, installation and commissioning as applicable of autoclaves, evaporators, spectrophotometer and other various laboratory equipment to enhance the Health Biotechnology Facilities – University of Malta. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €58,874.18 excluding V.A.T.).

CT 417/2009 - Contracts Ref No, CT 2209/2009. Supply and delivery of various laboratory equipment for the setup of the Control Systems Engineering Laboratory at the Faculty of Engineering – University of Malta. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €59,979.66 excluding V.A.T.).

CT/A/051/2009 - Contracts Ref No, CT 2418/2009. Engineering, supervision and project management of the design and building of the Gozo Waste Treatment and Transfer Facility in Tal-Kus, limits of Xewkija, Gozo – WasteServ Malta Ltd. A copy of the tender document may be downloaded from the website http://www.contracts.gov.mt.

This is a Service Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the Cohesion Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €500,000.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 29th October 2009.

CT/A/052/2009 - Contracts Ref No, CT 2331/2009. Engineering, Procurement Construction Management (EPCM) consultancy services for the design, EIA, contracting and managing a project for the construction and operation of a Biological Treatment plant in Gozo – WasteServ Malta Ltd. A copy of the tender document may be downloaded from the website http://www.contracts.gov.mt.

This is a Service Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is being considered for part-financing by the European Union under the Cohesion Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €800,000.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 29th October 2009.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-17 ta' Diċembru, 2009, għal:

CT 441/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2727/2009. Kiri ta' karozzi bix-xufier – Dipartiment tal-Kuntratti.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-22 ta' Diċembru, 2009, għal:

CT 418/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2454/2009. EQF Livell 7 *overseas laboratory supervision*/tagħlim fix-xjenza tal-konservazzjoni tal-injam – Heritage Malta. Irid jitħallas dritt ta' €150.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Soċjali Ewropew 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €90,000.00 mingħajr V.A.T.).

CT 422/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2543/2009. Modernizzar taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tal-Gżira, il-Gżira – Taqsima tax-Xogħlijiet.

CT 423/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2677/2009. Qafas ta' ftehim għall-provvista ta' żebgħa u lostru lit-Taqssima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT/A/049/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2269/2009. Provvista u konsenja ta' *kits* għat-*testing* ta' *spongiform encephalopathy* trasmissibbli – Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-26 ta' Ottubru 2009.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-5 ta' Jannar, 2010, għal:

CT 419/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2549/2009. Servizzi ta' mmaniġjar ta' bini għall-*upgrading* ta' Żewwieqa Waterfront, Għawdex – Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €160,722.00 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fid-29 ta' Ottubru 2009.

CT 420/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2488/2009. Provvista ta' kaxex tal-għodda għall-manutenzjoni tal-ajruplani fil-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Main Campus, l-Għolja ta' Kordin, Raħal Ġdid – Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 17th December, 2009, for:

CT 441/2009 - Contracts Ref No, CT 2727/2009. Hire of chauffeur driven cars – Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 22nd December, 2009, for:

CT 418/2009 - Contracts Ref No, CT 2454/2009. EQF Level 7 overseas laboratory supervision/tutoring in wood conservation science – Heritage Malta. A fee of €150.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Social Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €90,000.00 excluding V.A.T.).

CT 422/2009 - Contracts Ref No, CT 2543/2009. Upgrading of Gżira Parish Church parvis, Gżira – Works Division.

CT 423/2009 - Contracts Ref No, CT 2677/2009. Framework agreement for the supply of paints and varnish to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT/A/049/2009 - Contracts Ref No, CT 2269/2009. Supply and delivery of kits for the testing of transmissible spongiform encephalopathy – Ministry for Resources and Rural Affairs. A copy of the tender document may be downloaded from the website http://www.contracts.gov.mt.

The EU Contract Notice was dispatched on 26th October 2009.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 5th January, 2010, for:

CT 419/2009 - Contracts Ref No, CT 2549/2009. Construction management services for the upgrading of Żewwieqa Waterfront, Gozo – Ministry for Gozo. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €160,722.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 29th October 2009.

CT 420/2009 - Contracts Ref No, CT 2488/2009. Supply and delivery of aircraft maintenance toolboxes at the Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) Main Campus, Corradino Hill, Paola – Malta College of Arts, Science and Technology.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Soċjali Ewropew 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €149,543.00 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fid-29 ta' Ottubru 2009.

CT 421/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2500/2009. Provvista ta' sodod li jaħdmu bl-elettriku għall-pazjenti fl-Isptar Mater Dei – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €200.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-5 ta' Novembru 2009.

CT 424/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2444/2009. Provvista ta' *real time PCR test system* b'tagħmir b'self – Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-6 ta' Novembru 2009.

CT 426/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2597/2009. *Framework tender* għat-tisbiħ, titjib u *upgrading* tal-infrastruttura u servizzi oħra f'diversi oqsma industrijali f'Malta u Għawdex – Malta Industrial Parks Ltd.

